MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-20 ta' April, 2005

Rikors Numru. 883/2004

**BANK OF VALLETTA PLC**

**vs**

**Raymond BORG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-15 ta' Novembru, 2004, li bih il-Bank rikorrent talab;

Illi permezz ta' Sentenza mogħtija minn Din l-Onorabbli Qorti fl-10 ta' Ġunju, 1998 fl-ismijiet premessi (Ċitazz. Numru 867/97 RCP) (Dok "A"), is-soċjeta' esponenti ġiet kanonizzata kreditriċi tal-konvenut fis-somma ta' elf, mitejn u tlieta u tmenin Liri Maltin u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm1,283.24) kwantu għal elf u tmienja u ħamsin Liri Maltin u tmien ċenteżmi (Lm1,058.08) sorte u kwantu għal mitejn u ħamsa u għoxrin Liri Maltin u sittax-il ċenteżmu (Lm225.16) spejjeż tal-kawża skond taxxa

hawn annessa u markata Dok. “B”, flimkien ma’ l-imgħaxxijiet ulterjuri mill-1 t’Ottubru, 1996 sal-jum tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjeż tal-kawża.

Illi għaddew aktar minn ħames (5) snin minn meta s-sentenza fuq imsemmija setgħet tiġi eżegwita u d-debitu tal-konvenut għadu ma tħallasx u għalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Għaldaqstant, is-soċjeta’ rikorrenti titlob umilment lil Din l-Onorabbli Qorti, jogħġobha tawtorizzaha teżegwixxi s-sentenza ta’ Din l-Onorabbli Qorti mogħtija fl-10 ta’ Ġunju, 1998 fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex tottjeni l-pagament ta’ elf, mitejn u tlieta u tmenin Liri Maltin u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm1,283.24) flimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mill-1 t’Ottubru, 1996 sad-data ta’ l-effettiv pagament kif ukoll l-ispejjeż tal-kawża.

Rat li l-intimat notifikat ma ppreżentax risposta u lanqas deher għar-rikors;

Rat li r-rikorrenti kkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u li ma tħallas xejn fil-mori ta’ dawn il-proċeduri;

Illi għalhekk it-talba tar-rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk **tilqa’ t-talbiet tal-istess rikorrenti**.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------